# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 22 ta' Settembru 2016**

**Rikors Nru: 77/16 CSH**

**Wara l-atti tal-ittra ufficjali 776/2016 a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Id-Direttur (Taxxa fuq Proprjeta') ghall-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Tonio Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Tonio Fenechipprezentat nhar il-15 ta' April 2016 fejn espona s-segwenti:

"*Illi b'ittra ufficjali tal-4 ta' April 2016, id-Direttur (Taxxa fuq Proprjeta') ghall-Kummissarju tat-Taxxi ipprezenta ittra ufficjali kontra r-rikorrent fejn talbu sabiex ihallas l-ammont ta' €2433 dovuta kwantu ghal €2189 bhala hlas ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u in kwantu ghal €244 bhala taxxa addizzjonali jew imghax skond l-Avviz ta' Hlas anness mal-istess ittra ufficjali;*

*Ir-rikorrent qed jopponi ghal din it-talba ghal hlas tal-ammont imsemmi hawn fuq u dan permezz tar-rikors odjern li fih qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi t-talba tad-Direttur intimat bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dan ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi inoltre, bla pregudizzju ghal premess, din it-taxxa addizzjonali u penali mhiex dovuta stante illi l-valur li kien iddikjarat fix-share transfer causa mortis fil-kumpanija Hyfen Limited huwa minnu u m'hemmx taxxa addizzjonali dovuta lid-Direttur intimat;*

*Illi l-uniku taxxa dovuta hija dik li diga' thallset mill-esponenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba maghmula mid-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjeta') ghall-Kummissarju tat-Taxxi hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ir-rikorrenti Avukat Dr. Tonio Fenech ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet fuq imsemmija u/jew se mai m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont mitlub bl-interita' tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra d-Direttur (Taxxa fuq il-Proprjeta')."*

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' April  Gunju 2016 fejn ordnat li r-rikors promotur jigi notifikat lill-intimat u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-1 ta' Gunju 2016.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata nhar id-29 ta' April 2016 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-procedura tal-azzjoni odjerna hija rrita u nulla u in vista tal-fatt li r-rikors gie ntavolat ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu mhuwiex applikabbli fic-cirkostanzi odjerni peress li l-ittra ufficjali ezekuttiva in materja nharget abbazi ta' lex specialis ossia l-Artikolu 60A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, it-titolu ezekuttiv ivvantat mill-esponent fl-ittra ufficjali numru 776/2016 fl-ismijiet premessi gie ottenut qabel u independentement mill-hrug tal-imsemmija ittra ufficjali. Isegwi ghalhekk li l-kontestazzjoni tal-quantum tat-taxxa dovuta mir-rikorrent ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-ittra ufficjali kif qieghed jippretendi r-rikorrent;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum tat-taxxa dovuta mir-rikorrent, liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito u skont il-procedura stipulata fil-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' tramite avviz ta' oggezzjoni ai termini tal-Artikolu 56(1) tal-Kap. 364, appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika ta' Avviz ta' Rifjut ta' Oggezzjoni a tenur tal-Artikolu 58 tal-imsemmi Att u appell quddiem il-Qorti tal-Appell fi zmien tletin (30) gurnata a tenur tal-Artikolu 59 tal-istess Att;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzjuu ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali mertu ta' dawn il-proceduri hija gusta u skont il-ligi u dovuta mir-rikorrent fl-intier taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ghaldaqstant l-intimat talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ili fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2016 ir-rikorrenti u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u r-rikors gie differit ghal nhar is-6 ta' Lulju 2016.

Rat in-nota tar-rikorrenti prezentata fl-atti seduta stante nhar is-6 ta' Lulju 2016 li permezz taghha pprezenta kopja tal-ittra ufficcjali numru 776/2016 li kien ircieva r-rikorrenti.

Rat in-nota ta' referenzi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni pprezentata seduta stante nhar is-6 ta' Lulju 2016.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet li trattaw l-eccezzjonijiet ta' natura legali u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan ir-rikors il-provi imressqa mill-partijiet huma skarsi hafna. Ir-rikorrent fir-rikors tieghu jghid li b'ittra ufficcjali tal-4 ta' April 2016 id-Direttur ghall-Kummissarju tat-Taxxi pprezenta ittra ufficcjali kontra tieghu (vide dok esebit fl-atti nhar is-6 ta Lulju 2016) fejn talbu ihalsu s-somma ta' €2,433dovuta in kwantu ghal €2189 bhala hlas ta' taxxa fuq id-dokument u trasferiment u in kwantu ghal €244 bhala taxxa addizzjonali jew imghax skond l-Avviz ta' hlas anness mal-itess ittra ufficcjali.

Illi r-rikorrenti qed jopponi li jhallas dak minnu mitlub fir-rikors promotur u dan ghaliex fil-fehma tieghu tali talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt ai termini tal-**Artikolu 466 (2) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre ddikjara li t-taxxa addizzjonali u penali mhix dovuta stante illi l-valur li kien iddikjarat fis-share transfer *causa mortis* tal-kumpanija Hyfen Limited huwa minnu u m'hemmx taxxa addizzjonali dovuta lill-intimat.

Minn naha l-ohra u in linea preliminari l-intimat eccepixxa li l-procedura adoperata mir-rikorrent hija wahda irritwa u nulla in vista tal-fatt li r-rikors intavolat ma sarx ai fini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux applikabbli ghal kaz in desamina peress li l-ittra ufficcjali li saret giet prezentata skond il-*lex specialis* ossia l-Artikolu 60 A tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta kif imsemmi fl-istess ittra ufficcjali u **mhux** skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif jikkontendi r-rikorrenti.

Illi ghalhekk huwa dan il-punt ta' ligi li din il-Qorti ghandha tindirizza f'din is-sentenza preliminari.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Jirrizulta li r-rikorrent kien gie notifikat bl-Ittra Uffiċjali numru 77/2016 (kif indikat mir-rikorrenti intimat fir-rikors tieghu tal-15 ta' April 2016), liema ittra ma hemmx dubju saret mill-intimat ai termini tal-Artikolu 60A tal-Kapitolu 364 kif indikat minnu fl-istess ittra, sabiex in segwitu jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi taħt l-Art. 40 tal-Kap. 372 biex jiġbor it-taxxa mingħand ir-rikorrenti. Dak l-istess artikolu pero' jipprovdi wara li jgħid li xi stimi u avviżi maħruġa taħt l-istess Kap. 372 jitqiesu titoli esekuttivi, kif għandu jimxi l-intimat għall-esekuzzjoni ta' dawk it-titoli.

In effetti d-dispożizzjonijiet relevanti jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-Kummissarju jista' jtenni t-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att, ikun jista' jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi. Ghalhekk jekk ir-rikorrenti ma ha l-ebda passi sabiex jattakka it-talba ta' hlas ta' taxxa fi zmien hmistax-il jum, ma jistax illum jigi sabiex jattakka l-ittra ufficcjali u dan ghaliex huwa konsentit li tali talba saret titolu esekuttiv u ghalhekk l-intimat jista' liberament jipprocedi bil-hrug ta' mandati esekuttivi.

Ir-rikorrenti ma kkontestax tali procedura ghal ragunijiet maghrufa minnu, izda mhux ghaliex ma kienx gie notifikat bl-Avviz, u ghalhekk illum l-intimat ghandu titolu esekuttiv kontra r-rikorrent skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 60A tal-Kap. 364.** Illi dan ifisser li kemm-il darba dan huwa l-kaz, li r-rikorrenti ma wzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum m'huwiex f'posizzjoni li jattakka l-ittra ufficjali mahruga abbazi tal-**Artikolu 466 tal-Kap. 16** datata 29 ta' Dicembru 2010, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 364.**

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz mill- Qorti ta' l-Appell, u dan minn sentenza taghha kif presjeduta moghtija nhar l-10 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **'<u>Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi Interni'</u>,** liema sentenza nghatat mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-28 ta' Gunju 2011, fejn gie ritenut is-segwenti:
'*Illi għalhekk jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji lilu spettanti mil-liġi sabiex jikkontesta l-kont tal-intimat li fil-fehma tiegħu kien arbitrarju. Dan mhux il-forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu ppreżenta appell, ħaġa li m'għamilx, u għalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi rifjutata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat.*'

Din hija proċedura differenti minn dik taħt l-Art. 466 tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Dak l-artikolu jgħid illi meta dipartiment tal-gvern ikollu jieħu mingħand xi ħadd, il-kap ta' dak id-dipartiment jista' jagħmel dikjarazzjoni maħlufa li fiha jgħid x'inhu d-dejn, jinnotifika dik id-dikjarazzjoni b'att ġudizzjarju lil min ikollu jagħti, u, jekk dan ma jikkontestax it-talba b'rikors fi żmien għoxrin jum minn notifika, id-dikjarazzjoni titqies daqs li kieku ġudikat, *i.e.* tkun titolu esekuttiv.

Għalhekk, fil-każ tal-lum, in *poche parole* l-intimat kellu titolu esekuttiv qabel in-notifika tal-att ġudizzjarju – u dik in-notifika hija meħtieġa biss għall-esekuzzjoni tat-titolu – waqt illi bil-proċedura taħt l-Art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix.

Dan ma jfissirx illi ma hemmx rimedju għal min ma jaqbilx ma' stima maħruġa mill-intimat kif donnu qed jghid ir-rikorrenti ghaliex fil-fehma tieghu hija eccessiva; ifisser biss illi r-rimedju ma huwiex dak magħżul u mitlub mir-rikorrenti. Appell kontra l-istimi u l-avviżi maħruġa mill-intimat isiru taħt id-dispożizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372.

Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Speċjali taħt l-Art. 34, u minn deċiżjoni ta' dak il-bord jista' jsir appell fuq punt ta' liġi biss quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza inferjuri jew superjuri skond il-*quantum* tal-kontestazzjoni.

Izda zgur li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tissindika l-quantum *o meno* ta' l-istimi li hareg id-dipartiment.

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, tichad ir-rikors tar-rikorrent datat 15 ta' April 2016 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet decizi aktar 'il fuq.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**